MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2005

Numru 200/2005

2005
Il- Pulizija
(Spettur Stephen J. Gatt)

vs

Luke Curmi
Blane Cassar

Il- Qorti,

Rat l- akkuza migjuba kontra l- imsemmija Luke Curmi ta’ 17 il- sena iben David u Mary Anne Micallef, imwieled Pieta’ fl- 4 ta’ Dicembru 1987 u joqghod 32, Bridge Street, Mosta I.D. 5888M.

U

Blane Cassar ta’ 16 il- sena iben Victor u Maria Theresa Gatt, imwieled Pieta’ fit- 3 ta’ Marzu 1988 u

joqghod 21, Dion Court, Flat 2, Triq San Edwardu, Qormi I.D. 126188 M.

Talli fl- 10 ta’ Frar 2005 u jiem qabel f’ dawn il- Gzejjer b’ diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zmienijiet differenti li jkunu jiksru l- istess disposizjoni tal- ligi u jkunu gew maghmula b’ risoluzzjoni wahda:

a) Minghajr awtorita’ legali jew minghajr skuza legittima jew ragoevoli xtraw jew ircevew minghand xi persuna jew kellhom fil- kustodhja jew pussess taghhom, biljetti tal- flus falsifikati li kienu jafu li l- istess kienu ffalsifilkati u dn bi ksur tal- artikolu 46 tal- Kap. 204 tal- Ligijiet ta’ Malta.

b) Talli fit- 8 ta’ Frar 2005 gewwa l- Imsida b’ mezzi kontra l- ligi jew billi ghamlu uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz jew billi nqdew b’ qerq iehor, ingann jew billi wrew haga b’ ohra sabiex igieghelu titwemmen l- ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamlu qliegh bi hsara ta’ haddiehor u dan bi ksur tal- artikolu 308 tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Rat in- nota tal- Avukat Generali.

Rat li l- akkuzati ma oggezzjonawx li l- kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja minn din il- Qorti.

Rat li l- akkuzati ammettew l- akkuzi migjuba kontrihom u tennew wara li l- Qorti fissritilhom x’ jigifieri ammissjoni fil- prezenza tad- difensuri taghhom.

Issibhom hatja tar- reat taht l- art 204 u tilliberhom mir- reat taht l- art 308.

Rat fil- konforont taz- zewg akkuzati l- art 204 tal- kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta, kif ukoll l- art 37.

Billi l- akkuzati ghadhom zghar b’ fedina penali ghall- kollox nadifa u kkollaboraw bis- shih mal- Pulizija ser

tapplika l- art 22 ta' Kap 446, b' dan li l- akkuzati ma jaghmlux reat iehor fi zmien sena (1) m' illum u qed tqeghdhom taht il- harsien ta' ufficjal tal- probation approvat mid- Direttur tal- Probation li fi zmien sitt(6) xhur m' illum ghandu jgharraf il- Qorti dwar l- imgieba tal- hatja.

Il- Qorti qed tfisser l- import ta' din is- sentenza lill- hatja u tittama li jibdew jirrispettaw lilhom infushom u lil haddiehor.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------